

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bora Creations, SL, hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 24.1.2022.

### **Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-7 ta' Diċembru 2022 – Borussia VfL 1900 Mönchengladbach vs EUIPO – Neng (Fohlenelf)**

(Kawża T-747/21) (<sup>1</sup>)

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ revoka – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea  
Fohlenelf – Użu ġenwin tat-trade mark – Artikolu 58(1)(a), Artikolu 94(1), u Artikolu 97(1)  
(d) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)**

(2023/C 35/67)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrent: Borussia VfL 1900 Mönchengladbach GmbH (Mönchengladbach, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Kitzberger, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Söder u E. Nicolás Gómez, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralis: David Neng (Brüggen, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Breuer, avukat)

## Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' Settembru 2021 (Każ R 2126/2020-4).

## Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-28 ta' Settembru 2021 (Każ R 2126/2020-4) hija annullata sa fejn il-prova ta' użu ġenwin tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Fohlenelf għiet miċħuda fir-rigward ta' “sapun”, taħt il-klassi 3, ta' “folji adeżivi tal-karti jew tal-plastik, tikketti adeżivi”, taħt il-klassi 16, ta' “oġġetti tal-porċellana u tal-fuħħar”, taħt il-klassi 21, kif ukoll fir-rigward ta' “fliexken tax-xorb għall-isports fliexken tax-xorb għall-isports”, sa fejn din hija subkategorija ta' prodotti fi ħdan “kontenituri għal użu domestiku jew għal użu fil-kċina”, ukoll taħt il-klassi 21, ta' “xugamani tal-banju kbar”, taħt il-klassi 24, u ta' “logħob, ġugarelli”, taħt il-klassi 28.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha stess.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 24.1.2022.